



Brussell, 28 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

13923/22

LIMITE

COMPET 825  
IND 430  
POLCOM 141  
RELEX 1407

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Memorandum ta' Qbil biex tiġi stabbilita sħubija dwar il-ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima ma' Greenland  
- *Awtorizzazzjoni għal negozjati dwar strument mhux vinkolanti*

---

1. Fl-10 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) dwar l-intenzjoni tagħha li tidħol f'Memorandum ta' Qbil f'isem l-Unjoni biex tiġi stabbilita sħubija dwar il-ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima ma' Greenland<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> WK 13545/2022.

2. Is-*sħubija*, bħala *strument mhux vinkolanti*, għandha l-għan b'mod partikolari li tappoġġa integrazzjoni ekonomika u industrijali aktar mill-qrib tal-Greenland u tal-UE fil-ktajjen tal-valur strateġiċi tal-materja prima, b'mod partikolari permezz tal-immappjar tar-riżorsi, l-identifikazzjoni ta' proġetti tul il-ktajjen tal-valur rispettivi, l-iffaċilitar tal-opportunitajiet tan-negozju u l-identifikazzjoni u l-użu ta' *strumenti finanzjarji* u ta' tnaqqis tar-riskji għall-investimenti. Għandha wkoll l-għan li tappoġġa allinjament ta' standards ambjentali, soċjali u ta' governanza għoljin tul il-ktajjen tal-valur tal-materja prima, u t-tnedija ta' infrastruttura għall-iżvilupp ta' proġetti. Barra minn hekk, għandha l-għan li tappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-*hillet* tul il-ktajjen tal-valur tal-materja prima, il-kooperazzjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni inkluż dwar l-għarfien, it-teknoloġiji u l-*hillet* fil-qasam tal-minerali, kif ukoll l-allinjament regolatorju, l-istandards u *ċ-ċertifikazzjoni*.
3. Il-Grupp ta' *Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija)*, fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2022, eżamina l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinneogzja, f'isem l-Unjoni, dan l-*strument mhux vinkolanti*.

Id-delegazzjonijiet ġeneralment laqgħu b'mod favorevoli l-*approċċ* propost mill-Kummissjoni u esprimew l-*appoġġ* ġenerali tagħhom bil-fehim li l-Kummissjoni ser terġa' tikkonsulta l-Kunsill fi tmiem il-proċess ta' *negozjati* biex tfittex l-*awtorizzazzjoni* tal-Kunsill għall-*iffirmar* tal-Memorandum ta' Qbil f'isem l-Unjoni. Xi delegazzjonijiet enfasizzaw l-*importanza* li jiġu żgurati standards ambjentali għoljin.

4. Wara l-eżami mill-Grupp ta' *Ħidma*, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub:
- jikkonferma l-qbil tiegħu li l-Kummissjoni tinneogzja, f'isem l-Unjoni, Memorandum ta' Qbil biex tiġi stabbilita *sħubija* dwar il-ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima ma' Greenland;
  - jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-*aġenda* ta' laqgħa li jmiss tal-Kunsill, jawtorizza lill-Kummissjoni tinneogzja, f'isem l-Unjoni, dan l-*strument mhux vinkolanti*.